# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 16 ta’ Lulju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 184/01mm**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Raymond Cacciattolo sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Raymond Cacciattolo**

**vs**

**Frans Vella**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u hamsa u tmenin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm385.82) li jinkludu hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) 'excess' imhallsa mill-attur Raymond Cacciattolo rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tal-10 ta' Novembru, 1999, gewwa Birkirkara, bejn il-vettura numru CAD 986 misjuqa mill-konvenut u il-vettura numru JAZ 428 misjuqa minn u propjeta' ta' l-attur Raymond Cacciattolo, liema ncident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma' l-Avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Gunju, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.